Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9939/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0111 (COD)**

CLIMA 166
ENV 570
TRANS 245
MI 473
CODEC 974

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Ġunju 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 279 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 279 final.

---

Mehmuż: COM(2017) 279 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2017
COM(2017) 279 final

2017/0111 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 188 final}
{SWD(2017) 189 final}

 MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • IR-RAĠUNIJIET GĦALL-PROPOSTA U L-OBJETTIVI TAGĦHA

L-objettivi primarji ta' din il-Kummissjoni huma li toħloq l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment u f'dan il-kuntest li tagħmel it-tranżizzjoni għal enerġija nadifa għall-Ewropej kollha. Din hi msaħħa bi pjan ta' investiment immirat lejn l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa bbażat fuq mudelli ta' negozju ġodda u fuq teknoloġiji avvanzati. L-għan ta' terminu medju u fit-tul hu li tinkiseb ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Fil-kuntest tat-trasport, partikolarment fir-rigward tat-trakkijiet, tax-xarabankijiet u tal-kowċis, jiġifieri vetturi heavy-duty (HDVs), il-viżjoni tal-Kummissjoni hi li tiżgura li ċ-ċittadini Ewropej u n-negozji jkollhom aċċess għal mobilità ġusta, sostenibbli u kompetittiva.

L-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil minn HDVs ġodda mqiegħda fis-suq tal-UE, s'issa għadhom la ġew ċċertifikati, la mmonitorjati u lanqas irrappurtati. Id-distakk fl-għarfien fir-rigward tal-HDVs iwassal għat-tliet sfidi li ġejjin:

**(1)** ***Opportunitajiet mitlufa biex jitfasslu politiki biex jitnaqqas il-kont tal-fjuwil għall-operaturi tat-trasport:*** L-operaturi tat-trasport tal-merkanzija jistgħu jesperjenzaw kostijiet tal-fjuwil ogħla iktar minn kwart tal-kostijiet operazzjonali tagħhom[1], u jikklassifikaw l-effiċjenza tal-fjuwil bħala l-ogħla kriterju għax-xiri tagħhom. Filwaqt li l-effiċjenza ta-fjuwil tal-HDVs tjiebet ħafna matul id-deċennji li għaddew, ħafna mill-iktar minn nofs miljun kumpanija ta' trasport, li huma fil-biċċa l-kbira SMEs, għad m'għandhomx aċċess għal informazzjoni standardizzata biex jevalwaw it-teknoloġiji tal-effiċjenza tal-fjuwil, biex iqabblu t-trakkijiet ħalli jagħmlu l-iktar deċiżjoni ta' xiri infurmata u biex inaqqsu l-kostijiet tal-fjuwil tagħhom. Matul iż-żmien, id-dipendenza tal-UE mill-importazzjonijiet tal-karburanti fossili żdiedet b'mod kumulattiv minħabba nuqqas ta' ffrankar fuq il-fjuwil, u għalhekk dan jirrappreżenta opportunità mitlufa biex jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-fjuwil.

*(2)* ***Żieda fil-kompetizzjoni għall-manifatturi ta' vetturi:*** Fl-2015, skont id-data tal-industrija, l-esportazzjonijiet tat-trakkijiet iġġeneraw bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 5,1 biljun. Is-settur tal-manifattura tal-HDV fl-UE hu parti mill-industrija awtomobilistika li tiġġenera 12,1-il miljun impjieg dirett u indirett fl-Ewropa (5,6% tal-impjiegi totali tal-UE)[2]. Il-manifatturi tal-HDV tal-UE jiffaċċjaw pressjonijiet kompetittivi globali li dejjem qed jiżdiedu. Swieq sinifikanti bħal pereżempju l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u ċ-Ċina, tul dawn l-aħħar snin implimentaw miżuri għaċ-ċertifikazzjoni u għall-effiċjenza tal-fjuwil fil-forma ta' standards dwar il-konsum tal-fjuwil u/jew standards dwar l-emissjonijiet, biex jistimulaw l-innovazzjoni u jtejbu l-effiċjenza tal-vetturi b'mod mgħaġġel. Is-suq tax-xarabankijiet tal-ibliet qed jiffaċċja kompetizzjoni li dejjem qed tikber fil-qasam tal-vetturi elettroniċi, b'mod partikolari mill-manifatturi Ċiniżi. Jenħtieġ li s-settur jinżamm aġġornat mal-iżviluppi teknoloġiċi f'dawn is-swieq biex jippreserva l-pożizzjoni preżenti tiegħu fis-suq.

---

[1] Studji dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet tal-fjuwil murija fit-**Taqsima 5.6** u fl-**Anness 8** tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' akkumpanjament, **SWD(2017)XXX**.

[2] http://www.acea.be/uploads/publications/ACEA_Pocket_Guide_2016_2017.pdf.

(3) ***Ostaklu biex jiġu stabbiliti politiki biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass serra (GHG) mis-settur tal-vetturi heavy-duty:*** Is-settur tal-HDV tal-UE hu sors sinifikanti tal-emissjonijiet tal-gass serra. Fl-2014, l-emissjonijiet tal-gass serra mill-HDVs irrappreżentaw 5 % tal-emissjonijiet totali tal-UE, emissjoni minn kull ħames emissjonijiet mit-trasport kollu u madwar kwart tal-emissjonijiet tat-trasport bit-triq[3]. Mill-1990 sal-2014, l-emissjonijiet tal-gass serra globali[4] żdiedu b'20% u l-emissjonijiet tal-HDV żdiedu b'14%[5]. Mingħajr azzjoni ulterjuri, l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) tal-HDV mistennija jiżdiedu sa 10 % bejn l-2010 u l-2030[6]. Fl-istess waqt, l-UE stabbiliet miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-gass serra sal-2030, li s-settur tat-trasport għandu jikkontribwixxi għalihom. L-UE għandha mira globali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet domestiċi sal-2030 li hi tal-inqas 40 % taħt il-livelli tal-1990. Din inqasmet b'mod kosteffettiv, fi tnaqqis sal-2030 meta mqabbel mal-livelli ta' emissjonijiet tal-2005 ta' 43 % għall-emissjonijiet mis-setturi tal-iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u ta' 30 % għal setturi mhux tal-ETS, li jappartjeni għalihom it-trasport. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tat-trasport tal-Istati Membri jvarjaw minn 21 % sa 69 % tal-emissjonijiet nazzjonali totali fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.Filwaqt li ma ġiet stabbilita l-ebda mira speċifika għas-settur għall-2030, it-trasport jenħtieġ li jagħmel il-kontribuzzjoni tiegħu biex tinkiseb il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jaqgħux taħt l-ETS taħt ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, flimkien mas-setturi tal-bini, tal-agrikoltura u tal-iskart.

Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tindirizza dan id-distakk fl-għarfien.

L-ewwel, il-Kummissjoni żviluppat software ta' simulazzjoni - l-Għodda għall-Kalkolu tal-Konsum tal-Enerġija tal-Vetturi (VECTO) - biex tikkalkula l-konsum ta' fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' HDVs ġodda b'mod komparabbli u kosteffettiv.

It-tieni, il-Kummissjoni pproponiet regolament ġdid dwar id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil għal vetturi heavy-duty ġodda (taħt l-hekk imsejjaħ regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni) taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-approvazzjoni tat-tip[7]. Fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni, trid issir simulazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil bl-użu tal-VECTO għal kull HDV li taqa' taħt l-iskop tagħha u li qiegħda fis-suq tal-UE. Il-manifatturi tal-vetturi nfushom jagħmlu s-simulazzjoni fuq il-bażi tad-data tal-input iċċertifikata dwar il-komponenti tal-vettura u ta' proċess iċċertifikat tal-provenjenza, l-immaniġġjar u l-applikazzjoni ta' tali data ta' input.

Iċ-ċertifikazzjoni tindirizza parzjalment id-distakk fl-għarfien identifikat. L-informazzjoni dwar ir-rendiment ta' vettura speċifika se tkun disponibbli biss għax-xerrej individwali ta' din il-vettura u għall-awtoritajiet nazzjonali fejn il-vettura hi rreġistrata.

It-tielet, il-Kummissjoni issa qed tipproponi li timmonitorja u tirrapporta l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn HDVs ġodda soġġetti għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni, biex jitnaqqas id-distakk fl-għarfien u tinħoloq trasparenza sħiħa fis-suq. Permezz ta' dan it-tielet pass, id-data

[3] Id-data tal-2016 dwar l-Inventarju tal-gass serra, http://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer.

[4] Inkluż l-avjazzjoni internazzjonali iżda eskluż it-trasport marittimu internazzjonali.

[5] Id-data tal-2016 dwar l-Inventarju tal-gass serra, http://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer.

[6] Xenarju ta' Referenza tal-UE għall-2016: L-Enerġija, it-Trasport u l-emissjonijiet ta' gass serra - Xejriet sal-2050.

[7] Id-Direttiva 2007/46/KE, http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32007L0046&from=EN&lang3=choose&lang2=choose&lang1=MT.

relevanti kollha ċċirkolata mill-manifatturi f'konformità mal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni tkun immonitorjata, rrapportata u ppubblikata fil-livell tal-UE. B'dan il-mod, id-data tkun disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha.

Dan jagħti lill-operaturi tat-trasport aċċess għall-informazzjoni dwar ir-rendiment tat-trakkijiet ta' għamla differenti b'karatteristiċi simili, li jippermettilhom li jagħmlu deċiżjonijiet ta' xiri aktar informati.

Il-manifatturi tal-vetturi jkunu jistgħu jqabblu r-rendimenti tal-vetturi tagħhom ma' dawk ta' għamliet differenti, u jipprovdu żieda fl-inċentivi għall-innovazzjoni.

L-awtoritajiet pubbliċi jkollhom aċċess għal data komprensiva għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki biex jippromwovu trakkijiet b'effiċjenza fil-fjuwil, pereżempju permezz ta' tassazzjoni u t-taxxi għall-użu tat-triq. Dan kieku ma jkunx possibbli billi l-Istati Membri jkollhom biss aċċess għad-data tal-VECTO minn vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom. Finalment, dan jippermetti l-analiżi tad-data, eż. il-livell ta' penetrazzjoni ta' ċerti teknoloġiji.

Dan hu pass neċessarju wkoll għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' standards futuri għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-HDVs. Sistema ta' monitoraġġ u rapportar hi partikolarment neċessarja għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tali standards futuri, bħalma hu l-każ għall-karozzi u l-vannijiet.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta timplimenta l-Komunikazzjoni tal-2014 dwar Strateġija għat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-Vetturi Heavy-Duty. L-Istrateġija tal-HDV ħabbret miżura ta' implimentazzjoni li tistabbilixxi l-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn HDVs ġodda mqiegħda fis-suq tal-UE, ikkalkulati mill-għodda ta' simulazzjoni VECTO, u proposta leġiżlattiva dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dawn l-emissjonijiet.

Din il-proposta timplimenta wkoll l-Istrateġija Ewropea tal-2016 għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi, li l-għanijiet tagħha jinkludu t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra fit-trasport tat-triq b'tal-inqas 60 % fl-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u t-tnaqqis b'mod drastiku tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. L-Istrateġija tiddikjara wkoll li l-Kummissjoni se tħaffef il-ħidma analitika fuq l-għażliet ta' tfassil għall-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ bil-ħsieb li tħejji proposta leġiżlattiva matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni.

Finalment, din il-proposta se tiffaċilita wkoll l-iżvilupp ta' metodoloġija biex tiddifferenzja t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura għal HDVs ġodda f'konformità mal-emissjonijiet tas-$CO_2$, u tappoġġja l-implimentazzjoni tar-reviżjoni tad-Direttiva "Eurovignette".

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta hi konsistenti mal-impenn tal-UE taħt il-Qafas ta' politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet domestiċi b'tal-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Bħala parti mill-implimentazzjoni ta' dan l-impenn, f'Lulju

2016, il-Kummissjoni pproponiet ir-Regolament dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi) għas-setturi mhux inklużi fl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (jiġifieri t-trasport, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart).

Din il-proposta hi wkoll konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija tal-2016, li stabbiliet mira vinkolanti ewlenija ta' 30 % fil-livell tal-UE biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija sal-2030 meta mqabbla maż-żamma tal-*istatus quo*.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu u jispeċifikaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima. Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-TFUE.

### • SUSSIDJARJETÀ

L-azzjoni tal-UE hi ġġustifikata fid-dawl tal-impatt transfruntier tat-tibdil fil-klima u tal-ħtieġa li jiġu ssalvagradjati s-swieq uniċi tal-fjuwil, tal-vetturi u tas-servizzi tat-trasport.

Barra minn hekk, ħafna drabi, HDVs ġodda rreġistrati fi Stat Membru partikolari jiġu manifatturati minn manifattur fi Stat Membru ieħor. Għalhekk, il-monitoraġġ fil-livell nazzjonali minflok fil-livell tal-UE ikun jeħtieġ kooperazzjoni estensiva fost l-Istati Membri; minħabba d-differenzi fil-prattiki tal-leġiżlazzjoni u politika tagħhom ma tistax tkun żgurata data tal-monitoraġġ omoġenja. Ikun diffiċili li jinkisbu l-komparabilità u l-kompletezza tad-data, u dan iwassal għal frammentazzjoni tas-suq tal-UE u għal telf tat-trasparenza tas-suq.

B'mod partikolari, in-nuqqas ta' bażi ta' data komuni li jkun fiha d-data ta' monitoraġġ tal-Istati Membri kollha tellef l-użu tad-data mix-xerrejja ta' vetturi u minn min ifassal il-politika fil-livell tal-UE.

Jidher li l-iktar approċċ sempliċi hu skema ta' monitoraġġ komuni fil-livell tal-UE. Dan l-istess approċċ diġà hu segwit għall-karozzi u l-vannijiet permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE.

### • PROPORZJONALITÀ

Ladarba l-proposta hi neċessarja u kif ukoll għandha benefiċċji ekonomiċi potenzjali, din tissodisfa r-rekwiżiti tal-proporzjonalità - fuq skala madwar l-UE, l-isforzi meħtieġa huma minimi u l-kostijiet huma kważi negliġibbli meta mqabbla mal-benefiċċji potenzjali tat-trasparenza tas-suq u d-disponibilità tad-data dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil tal-HDV għall-partijiet ikkonċernati kollha.

### • GĦAŻLA TAL-ISTRUMENT

Biex ikun hemm applikazzjoni uniformi tar-regoli proposti madwar l-UE u jinkiseb sett tad-data omoġenju u komparabbli li joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi tal-vetturi

heavy-duty u għall-utenti ta' tali vetturi, huwa xieraq li jintuża Regolament li hu direttament applikabbli u vinkolanti fuq l-Istati Membri.

# 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

## • L-EVALWAZZJONIJIET EX POST/IL-KONTROLLI TAL-IDONEITÀ TAL-LEĠIŻLAZZJONI EŻISTENTI

Ma saret l-ebda evalwazzjoni billi qabel, il-kwistjoni ma kinetx regolata.

## • KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Il-Kummissjoni organizzat laqgħa għall-partijiet ikkonċernati biex tirċievi feedback dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu u tippreżenta l-valutazzjoni tal-kost amministrattiv li sar mill-konsulent estern. Il-partijiet ikkonċernati taw feedback kostruttiv u l-valutazzjoni tal-kost ma ġietx ikkontestata.

Il-Kummissjoni organizzat ukoll konsultazzjoni pubblika online dwar it-tħejjija tal-leġiżlazzjoni u dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' HDV[8]. Minn spettru wiesa' ta' partijiet ikkonċernati waslu 121 tweġiba, li pprovdew l-opinjonijiet tagħhom dwar il-bżonn ta' azzjoni, l-objettivi u l-impatt antiċipat.

Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kienu integrati fil-valutazzjoni tal-impatt; l-għażla magħżula hija wkoll l-għażla ppreferuta minn dawk li wieġbu. Fl-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt ta' din il-proposta hemm taqsira tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

## • ĠBIR U UŻU TAL-KOMPETENZI

Il-valutazzjoni tal-kost tal-għażliet ta' monitoraġġ u rapportar differenti saret minn kuntrattur estern (ara l-Anness 10 tal-valutazzjoni tal-impatt). L-istudju fil-biċċa l-kbira hu bbażat fuq intervisti mal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni nazzjonali u l-manifatturi tal-HDV, biex jiġbor l-opinjonijiet tagħhom fuq diversi għażliet ta' monitoraġġ u biex jirċievi input immirat fir-rigward tal-kostijiet għall-organizzazzjonijiet tagħhom, u jqis il-proċeduri kurrenti u l-adattamenti meħtieġa.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tibbaża fuq il-valutazzjoni tal-impatt preċedenti li akkumpanjat l-Istrateġija tal-2014 għat-Tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' Vetturi Heavy-Duty fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti l-oħra.

## • IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-valutazzjoni tal-impatt[9] li takkumpanja din il-proposta tħejjiet u ġiet żviluppata f'konformità mal-gwida applikabbli dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar u l-Bord tal-Iskrutinju

[8] Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika huma disponibbli http://ec.europa.eu/clima/consultations/articles/0031_en.
[9] **SWD(2017)XXX**

Regolatorju ta opinjoni pożittiva. It-titjib kif rakkomandat mill-Bord ġie inkorporat fil-verżjoni finali. Din tikkumplimenta l-analiżi li saret fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2014 li tappoġġja l-Istrateġija dwar l-HDV.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat għażliet relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-HDVs ġodda kollha mqiegħda fis-suq tal-UE soġġetti għall-proċess ta' ċertifikazzjoni taħt il-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Id-data li trid tiġi mmonitorjata u li jrid isir rapport dwarha tikkonsisti f'madwar 80 parametru relevanti għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' kull vettura.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hi l-iktar korp xieraq fil-livell tal-UE biex taġixxi f'isem il-Kummissjoni biex tiġbor id-data, tibni bażi ta' data ġdida u tanalizza u tagħmel kontrolli ta' kwalità dwar il-monitoraġġ rapportat tad-data dwar l-HDVs. L-EEA diġà twettaq dawn il-kompiti għad-data ta' monitoraġġ rapportata dwar il-vetturi light-duty (ara l-Anness 8 tal-valutazzjoni tal-impatt).

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat tliet għażliet leġiżlattivi dwar kif tali data ta' monitoraġġ għandha tkun rapportata lill-Kummissjoni permezz tal-EEA: 1) ir-rapportar mill-awtoritajiet nazzjonali; 2) ir-rapportar mill-manifatturi tal-HDV; u 3) ir-rapportar imħallat mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-manifatturi.

Taħt l-għażla nru 1, l-awtoritajiet nazzjonali jirrapportaw id-data ta' monitoraġġ flimkien mad-data ta' reġistrazzjoni relevanti tal-vetturi kkonċernati lill-Kummissjoni permezz tal-EEA. Skont din l-għażla, id-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-monitoraġġ u r-rapportar tista' ma tinkisibx daqshekk faċilment, billi l-maġġoranza tal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni nazzjonali għadhom jużaw il-fajls tal-karti biex jirreġistraw l-HDVs. Bħala riżultat, l-adattament għal flussi kompletament diġitaliizzati tad-data ta' monitoraġġ jista' jkun ta' sfida u ta' spiża għolja.

L-għażla nru 2 tafda lill-manifatturi tal-HDV bl-inkarigu li jirrapportaw id-data ta' monitoraġġ fuq kull vettura ġdida lill-Kummissjoni permezz tal-EEA. F'każ bħal dan, id-data ta' monitoraġġ tkun ibbażata fuq id-data tal-bejgħ fil-pussess tal-manifatturi tal-vetturi u ma tiġi rapportata l-ebda data ta' reġistrazzjoni. Bħala riżultat, id-data tal-emissjonijiet rapportata ma tistax tkun allokata għal Stat Membru partikolari. Dan jagħmilha iktar diffiċli għall-Istati Membri li jfasslu politiki nazzjonali effettivi biex iżidu l-użu ta' HDVs iktar effiċjenti.

L-għażla 3 hija għażla intermedja. L-awtoritajiet nazzjonali maħturin - li ħafna minnhom huma mistennija li jkunu l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni - jirrapportaw b'mod annwali lill-Kummissjoni permezz tad-data ta' reġistrazzjoni tal-EEA ta' vetturi rreġistrati ġodda, b'mod partikolari n-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi, il-VINs. Il-manifatturi tal-vetturi jissottomettu d-data ta' monitoraġġ li tikkorrispondi ma' dawk il-vetturi lill-Kummissjoni permezz tal-EEA. Fuq il-bażi tan-numri VIN, iż-żewġ settijiet ta' data jkunu kkombinati mill-EEA biex tinkiseb data ta' monitoraġġ fil-livell tal-Istati Membri. Taħt din l-għażla, id-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-fluss ta' data hi assigurata, billi l-manifatturi għandhom l-inkarigu li jirrapportaw id-data ta' monitoraġġ, li diġà għandhom f'format diġitali għal skopijiet ta' ċertifikazzjoni.

L-Għażla 3 hi l-għażla ppreferuta. Din hi l-iktar effettiva, partikolarment għax tiżgura l-fluss diġitali tal-informazzjoni u tipprovdi kopertura ta' data kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, u l-kost amministrattiv tagħha hu modest.

Din l-għażla magħżula aktarx li tiġġenera kompetizzjoni biex jiġu prodotti iżjed vetturi enerġetikament effiċjenti u inċentivi għall-innovazzjoni. L-effetti ta' trasport tal-merkanzija iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija huma mistennija li jinfirxu, mill-inqas parzjalment, għall-maġġoranza tas-setturi tal-ekonomija tal-UE: kostijiet operazzjonali tal-fjuwil iżjed baxxi jwasslu għal prezzijiet tat-trasport iżjed baxxi, u dan inaqqas il-kostijiet tas-setturi l-oħra u eventwalment jibbenefikaw il-konsumaturi tal-UE.

Il-kompetittività u l-impatt internazzjonali huma mistennija li jkunu pożittivi fuq perjodu ta' żmien medju/twil għall-manifatturi ta' HDV ukoll, meta wieħed iqis il-kuntest internazzjonali fejn swieq oħrajn (bħal pereżempju l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u iċ-Ċina) diġà għandhom regolamenti fis-seħħ li jitolbu titjib fl-effiċjenza tal-fjuwil tal-HDVs.

L-impjiegi mistennija jibbenefikaw fuq terminu ta' żmien medju/twil. Titjib inkrementali fl-effiċjenza tal-vetturi mixtrija għandu jirriżulta fi ffrankar fl-emissjonijiet tas-$CO_2$. Tnaqqis favorevoli iżda negliġibbli biss huwa mistenni f'emissjonijiet oħrajn. L-uniċi kostijiet ekonomiċi huma dawk amministrattivi. Dawn huma mistennija li jkunu negliġibbli - stima ta' EUR 1 għal kull vettura.

- **L-IDONEITÀ U S-SIMPLIFIKAZZJONI REGOLATORJA**

M'hemmx obbligi diretti ta' rapportar għall-SMEs u għall-mikrointrapriżi. L-operaturi tat-trasport, li l-maġġoranza tagħhom huma SMEs, huma mistennija jibbenefikaw miż-żieda fit-trasparenza tas-suq. Dan jippermettilhom li jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri infurmati aħjar favur l-aktar vetturi li huma effiċjenti fil-konsum tal-fjuwil li, permezz tal-iffrankar tal-kostijiet, jistgħu jnaqqsu l-kostijiet operazzjonali u jżidu l-kompetittività tagħhom.

Ir-Regolament propost se jagħmel użu minn rapportar elettroniku, li hu mistenni li jillimita l-piż amministrattiv għall-manifatturi tal-HDV, għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Kummissjoni/l-EEA.

- **DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-impatt fuq il-baġit li jirriżulta mill-implimentazzjoni tar-Regolament propost hu limitat ħafna (ara d-dettalji fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa). Filwaqt li jibqa' fi ħdan il-limitu massimu tal-QFP 2014-2020 għall-Intestatura nru 2, dan ikun jirrikjedi programmar żgħir għall-EEA għas-snin 2019 u 2020.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **IL-PJANIJIET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI U L-ARRANĠAMENTI TAL-MONITORAĠĠ, TAL-EVALWAZZJONI U TAR-RAPPORTAR**

Skont il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-manifatturi tal-HDV, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport annwali. Dan ir-rapportar tal-Kummissjoni jiżgura monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tar-Regolament.

- **SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA**

**Artikolu 1 – Suġġett**

Dan l-Artikolu jispjega l-miżuri ewlenin stabbiliti bir-Regolament, jiġifieri li jiġu mmonitorjati u rrapportati l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil tal-HDVs, jiġfieri t-trakkijiet, ix-xarabankijiet u l-kowċis.

**Artikolu 2 - Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u jispeċifika l-kategoriji tal-vetturi li għalihom għandha tiġi mmonitorjata u rapportata d-data tar-reġistrazzjoni, id-data teknika u, fejn disponibbli, id-data dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil.

**Artikolu 3 – Id-Definizzjonijiet**

Ir-Regolament hu marbut mill-qrib mal- leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u juża l-istess terminoloġija bħal dik li tintuża fiha. Biex tiġi żgurata l-konsistenza tul l-istrumenti legali differenti, huwa għalhekk ċar li t-terminoloġija użata f'dan ir-Regolament trid tinftiehem bl-istess mod bħal dik iddefinita fil-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

**Artikolu 4 - Monitoraġġ u rapportar mill-Istati Membri**

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-obbligi essenzjali imposti fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-iskeda tal-monitoraġġ u r-rapportar, il-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti u d-data li trid tiġi mmonitorjata. Dawn jinkludu vetturi heavy-duty ġodda u karrijiet ġodda rreġistrati għall-ewwel darba fl-Unjoni, jew irreġistrati barra mill-Unjoni iżda inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni.

Fil-każ tal-awtoritajiet kompetenti, huwa ċar li dawk l-awtoritajiet li diġà huma responsabbli għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar vetturi light-duty għandhom ikunu l-awtoritajiet responsabbli wkoll għall-monitoraġġ fil-każ ta' vetturi heavy-duty.

L-Annessi I u II jikkumplimentaw din id-dispożizzjoni billi jispeċifikaw il-parametri tad-data li trid tiġi mmonitorjata kif ukoll il-passi amministrattivi tal-proċedura tal-monitoraġġ u tar-rapportar.

**Artikolu 5 - Monitoraġġ u rapportar mill-manifatturi**

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-obbligi essenzjali imposti fuq il-manifatturi fir-rigward tal-iskeda tal-monitoraġġ u r-rapportar, il-ħatra tal-punti ta' kuntatt u d-data li trid tiġi mmonitorjata.

L-Annessi I u II jikkumplimentaw din id-dispożizzjoni billi jispeċifikaw il-parametri tad-data li trid tiġi mmonitorjata kif ukoll il-passi amministrattivi tal-proċedura tal-monitoraġġ u tar-rapportar.

**Artikolu 6 - Reġistru Ċentrali għad-data dwar vetturi heavy-duty**

Id-data rrapportata lill-Kummissjoni għandha tinżamm f'reġistru disponibbli b'mod pubbliku. Ir-reġistru jinżamm mill-EEA f'isem il-Kummissjoni u jibni fuq l-esperjenza miksuba mill-EEA fiż-żamma tar-reġistru ta' data għal vetturi light-duty.

Filwaqt li l-maġġoranza tar-rekords tad-data għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku, ċertu data ma tistax tkun divulgata minħabba l-ħtieġa li tiġi protetta d-data privata (in-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi), u minħabba raġunijiet ta' kompetizzjoni (l-ismijiet tal-manifatturi tal-komponenti).

**Artikolu 7 – Il-kwalità tad-data**

Data ta' kwalità għolja hi essenzjali biex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, hu importanti li jkun magħmul ċar li l-entitajiet li jirrapportaw id-data huma responsabbli għall-kwalità u għall-eżattezza tad-data fornuta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se jkollha l-possibilità li tagħmel il-verifiki tagħha stess tal-kwalità tad-data kif ukoll tikkoreġi d-data jekk ikun hemm żbalji fid-data sottomessa.

**Artikolu 8 – Rapport**

Id-data rapportata lill-Kummissjoni permezz tal-EEA għandha tirriżulta f'analiżi annwali tax-xejriet tal-emissjoni tas-$CO_2$ u tal-iżviluppi fil-flotta ta' vetturi heavy-duty fl-UE kif ukoll dawk ta' manifatturi individwali ta' vetturi heavy-duty. Din l-analiżi annwali għandha titwettaq mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EEA u se sservi bħala input importanti għar-rapport annwali usa' dwar il-progress li hu obbligu skont ir-Regolament propost dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, fil-kuntest tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija. L-analiżi se tipprovdi wkoll input importanti fi kwalunkwe miżura ta' politika ulterjuri possibbli. L-analiżi se tipprovdi iktar trasparenza fir-rigward tal-konfigurazzjonijiet tat-teknoloġija u r-rendiment kemm tal-flotta tal-vetturi tal-UE kif ukoll dawk individwali f'termini ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil.

**Artikoli 9 u 10 - Miżuri ta' implimentazzjoni u delega ta' setgħat**

Dawn l-artikoli jipprovdu rispettivament il-bażijiet ġuridiċi għall-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni u, permezz ta' atti delegati, temenda l-elementi mhux essenzjali tal-Annessi I u II. Il-miżuri ta' implimentazzjoni se jikkumplimentaw l-Artikolu 7 billi jippermettu lill-Kummissjoni tiddefinixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati u l-proċeduri meħtieġa għall-verifika u l-korrezzjoni tad-data rapportata. Is-setgħat delegati mogħtija lill-Kummissjoni jinkludu l-aġġustament u l-aġġornament tal-parametri tad-data li jridu jiġu mmonitorjati kif ukoll il-passi differenti fil-proċedura ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Annessi I u II.

**Artikoli 11 u 12 - Proċedura tal-kumitat u tal-eżerċitar tad-delega**

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet standard relatati mal-proċedura tal-kumitat li trid tintuża biex jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni u biex jiġu eżerċitati s-setgħat ta' delega msemmija fl-Artikolu 9(2) u (3).

2017/0111 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) Mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-23-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika tal-2030 għall-klima u l-enerġija, ġiet approvata mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet ta' gass serra fis-setturi ekonomiċi kollha sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u dan ġie kkonfermat mill-ġdid fil-laqgħa tal-Kunsill f'Marzu 2016.

(2) Il-konklużjonijiet ta' Ottubru 2014 tal-Kunsill Ewropew stipulaw li l-mira għandha tintlaħaq b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, bit-tnaqqis fis-setturi tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u mhux tal-ETS li jammonta għal 43 % u 30 % rispettivament sal-2030 meta mqabbel mal-2005. L-Istati Membri kollha għandhom jipparteċipaw f'dak l-impenn u s-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħaq dak it-tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluż it-trasport.

(3) L-Istrateġija Ewropea tal-Kummissjoni tal-2016 għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi[3] stabbiliet l-objettiv li hu tnaqqis ta' mill-inqas 60 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

(4) L-emissjonijiet ta' gass serra mit-trakkijiet, mix-xarabankijiet u mill-kowċis, jiġifieri l-vetturi heavy-duty, bħalissa jirrappreżentaw madwar kwart tat-trasport bit-triq fl-Unjoni u huma mistennija li jiżdiedu iktar sal-2030. Iridu jiġu introdotti miżuri effettivi biex jitrażżnu l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet neċessarju fis-settur tat-trasport.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2014 dwar l-Istrateġija għat-Tnaqqis tal-Konsum tal-Fjuwil u tal-Emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-Vetturi Heavy Duty[4], il-Kummissjoni rrikonoxxiet li prerekwiżit għall-introduzzjoni ta' tali miżuri hu proċedura għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] jipprovdi l-qafas għat-twaqqif ta' tali proċedura regolata. Il-miżuri jipprovdu data robusta u komparabbli dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil għal kull vettura għal parti sinifikanti tal-flotta ta' vetturi heavy-duty fl-Unjoni. Ix-xerrej ta' vettura speċifika u l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni rispettiv ikollhom aċċess għal dik l-informazzjoni, b'hekk titnaqqas parzjalment id-diskrepanza fl-għarfien.

(7) L-informazzjoni dwar ir-rendiment ta' vettura f'termini tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil għandhom jitpoġġew disponibbli pubblikament biex l-operaturi tal-vetturi kollha jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati sewwa dwar ix-xiri. Il-manifatturi tal-vetturi kollha jkunu jistgħu jikkumparaw ir-rendimenti tal-vetturi tagħhom ma' dawk ta' għamliet differenti. Dan se jżid l-inċentivi għall-innovazzjoni u għalhekk se jżid il-kompetittività. Din l-informazzjoni se tipprovdi wkoll lil min ifassal il-politika fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'bażi soda għall-iżvilupp ta' politiki biex jippromwovu l-użu ta' iktar vetturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk, huwa xieraq li l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil iddeterminati għal kull vettura heavy-duty ġdida skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) […/…][6] [*Ir-referenza t-tajba trid tiġi inkluża mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*] huma mmonitorjati, rrapportati lill-Kummissjoni u jitpoġġew disponibbli għall-pubbliku.

(8) Biex jinkiseb għarfien komplet dwar il-konfigurazzjoni tal-flotta ta' vetturi heavy-duty fl-Unjoni, dwar l-iżvilupp tagħha matul iż-żmien u dwar l-impatt potenzjali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, hu xieraq li tiġi mmonitorjata u rapportata d-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi heavy-duty ġodda kollha u tal-karrijiet ġodda kollha, inkluż id-data dwar is-sistemi tal-motopropulsjoni kif ukoll dwar il-karozzerija relevanti.

(9) Id-data dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil se tkun disponibbli għal ċerti vetturi heavy-duty ġodda li huma rreġistrati fl-[2019]. Għalhekk, minn dik id-

---

3 COM(2016) 501 final.

4 COM(2014) 285 final.

5 Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) […/…] li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil tal-vetturi heavy-duty u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L…,..,..).

data, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu data dwar ir-reġistrazzjonijiet ġodda u l-manifatturi għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu d-data teknika rigward dawk il-vetturi.

(10) Id-data teknika essenzjali għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tar-rendiment tal-konsum tal-fjuwil ta' vettura għandha tkun disponibbli pubblikament biex tiżdied it-trasparenza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura u tar-rendiment relatat u biex titrawwem kompetizzjoni fost il-manifatturi. Data li hi sensittiva għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u ta' kompetizzjoni ġusta biss m'għandhiex tiġi ppubblikata. Madankollu, huwa ċertament fl-interess pubbliku li d-data teknika essenzjali biex jiġi ddeterminat ir-rendiment tal-vetturi tkun disponibbli. Għalhekk, tali data m'għandhiex tkun eżentata mill-aċċess pubbliku.

(11) Huwa importanti li d-data mmonitorjata u rapportata tkun robusta u affidabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni għandu jkollha l-mezzi biex tivverifika, u fejn ikun hemm bżonn, tikkoreġi d-data finali. Għalhekk, il-parametri li jippermettu li d-data tkun traċċata u vverifikata b'mod adegwat għandhom ikunu previsti fir-rekwiżiti tal-monitoraġġ.

(12) Skont l-esperjenza miksuba mill-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] għal karozzi tal-passiġġiera ġodda u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, huwa xieraq li r-responsabbiltà għall-iskambju ta' data mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-manifatturi, kif ukoll għall-ġestjoni tal-bażi tad-data finali għan-nom tal-Kummissjoni tingħata lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Huwa wkoll xieraq li sa fejn hu possibbli, il-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rapportar għal vetturi heavy-duty jiġu allineati ma' dawk diġà eżistenti għal vetturi light-duty.

(13) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-verifika u l-korrezzjoni tad-data mmonitorjata, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat tal-implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

(14) Biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tad-data u l-proċedura ta' monitoraġġ u rapportar jibqgħu relevanti tul iż-żmien għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-flotta ta' vetturi heavy-duty għall-emissjonijiet tas-$CO_2$, kif ukoll biex jiġi żgurat li d-disponibilità tad-data dwar teknoloġiji ġodda u avvanzati li jnaqqsu s-$CO_2$, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ta' Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tar-rekwiżiti tad-data u l-proċedura ta' monitoraġġ u rapportar stabbilita fl-Annessi. Huwa ta' importanza partikolari li l-

7 Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tat-23 ta' April 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi ħfief, ĠU L 140, 5.2.2009, p. 1.

8 Ir-Regolament (KE) Nru 510/2011 tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi ħfief, ĠU L 145, 31.5.2011, p.1.

9 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, anke fil-livell ta’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016. B’mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jindirizzaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(15) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda fl-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u l-konsum tal-fjuwil tagħhom.

*Artikolu 2*
*Kamp ta’ applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-monitoraġġ u r-rapportar mill-Istati Membri u mill-manifatturi ta’ vetturi heavy-duty ta’ data dwar vetturi ġodda.

Dan għandu japplika fir-rigward tal-kategoriji ta’ vetturi li ġejjin:

(a) il-vetturi heavy-duty tal-kategoriji M1, M2, N1 u N2 b’massa ta’ referenza li taqbeż l-2 610 kg li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], u l-vetturi kollha tal-kategoriji M3 u N3.

(b) il-vetturi tal-kategoriji O3 u O4

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta’ vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

*Artikolu 3*
*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill.

*Artikolu 4*
*Monitoraġġ u rapportar mill-Istati Membri*

1. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, mill-[2020], l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġbru d-data speċifikata fil-Parti A tal-Anness I għas-sena kalendarja preċedenti relatata mal-vetturi reġistrati għall-ewwel darba fl-Unjoni. Data relatata ma' vetturi ġodda li ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni ma għandhiex tiġi mmonitorjata u rrapportata, sakemm dik ir-reġistrazzjoni ma tkunx saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni. Id-data għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' rapportar stabbilita fl-Anness II.

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data skont dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk maħturin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

*Artikolu 5*
*Monitoraġġ u rapportar mill-manifatturi*

1. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, mill-[2020], il-manifatturi tal-vetturi heavy-duty għandhom jiġbru d-data speċifikata fil-Parti B tal-Anness I rigward vetturi b'data tal-produzzjoni li taqa' fis-sena kalendarja preċedenti.

   Id-data tal-produzzjoni għandha tkun id-data tal-firma taċ-ċertifikat ta' konformità jew, fejn applikabbli, id-data tal-firma taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali.

2. Il-manifatturi għandhom jaħtru punt ta' kuntatt għall-iskop tar-rapportar tad-data skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*
*Reġistru Ċentrali għad-data dwar il-vetturi heavy-duty*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali għad-data rapportata skont l-Artikoli 4 u 5. Ir-Reġistru għandu jkun disponibbili pubblikament bl-eċċezzjoni tal-entrati tad-data 1, 24, 25, 32, 33, 39 u 40 speċifikati f'Parti B tal-Anness I.

2. Ir-reġistru se jkun ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) f'isem il-Kummissjoni.

---

[11] Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

*Artikolu 7*
*Il-kwalità tad-data*

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-manifatturi għandhom ikunu responsabbli għall-eżattezza u l-kwalità tad-data li jirrapportaw skont l-Artikoli 4 u 5. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball misjub fid-data rapportata mingħajr dewmien.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-verifiki tagħha stess tal-kwalità tad-data rapportata skont l-Artikoli 4 u 5.

3. Fejn il-Kummissjoni tkun infurmata bl-iżbalji fid-data jew bis-saħħa tal-verifika tagħha stess, issib diskrepanzi fis-sett tad-data, hi għandha, fejn xieraq, tieħu l-miżuri neċessarji biex tikkoreġi d-data ppubblikata fir-Reġistru Ċentrali msemmi fl-Artikolu 6.

*Artikolu 8*
*Ir-rapport*

1. Bħala parti mir-rapport annwali tagħha skont [l-Artikolu 29 tar-Regolament propost dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija], il-Kummissjoni għandha tippubblika l-analiżi tagħha tad-data trażmessa mill-Istati Membri u mill-manifatturi għas-sena kalendarja preċedenti.

2. L-analiżi għandha tindika, bħala minimu, ir-rendiment tal-flotta tal-vetturi heavy-duty tal-Unjoni kif ukoll dik ta' kull manifattur f'termini tal-medja tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-$CO_2$. Din għandha wkoll, fejn disponibbli,tqis id-data dwar it-teħid ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati ta' tnaqqis tas-$CO_2$.

3. Il-Kummissjoni għandha tħejji l-analiżi bl-appoġġ tal-EEA.

*Artikolu 9*
*L-għoti tas-setgħat ta' implimentazzjoni*

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-miżuri ta' verifika u korrezzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11.

*Artikolu 10*
*Delegazzjoni tas-setgħat*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 bil-ħsieb li temenda l-Anness I għall-iskop ta' aġġornament jew ta' aġġustament tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fih, fejn dan jitqies li hu neċessarju, biex tiġi stiuplata analiżi bir-reqqa skont l-Artikolu 8.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 bil-ħsieb li temenda l-Anness II għall-iskop ta' aġġustament tal-proċedura ta' monitoraġġ u

rapportar speċifikata f'dan biex tkun tista' titqies l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*
*Il-proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 12*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delgati msemmija fl-Artikolu 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

[12] Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1).

*Artikolu 13*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**<u>Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva – "Aġenziji"</u>**

**<u>L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)</u>**


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-ġestjoni u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet:

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-[korp]*

*3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani [tal-korp]*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ta' ABM/ABB[22]

| |
|---|
| 34: Azzjoni klimatika |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[23]

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### *1.4.1. Il-miri strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni mmirati mill-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-proposta tikkostitwixxi miżura leġiżlattiva prinċipali tal-ewwel pakkett dwar il-mobilità li se jiġi adottat f'Mejju 2017. Din tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għal mobilità b'emissjonijiet baxxi tal-Kummissjoni[24], adottata fl-2016, u l-pjan ta' azzjoni tagħha[25] biex ittejjeb l-effiċjenza tal-fjuwil u tnaqqas l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (HDVs), jiġifieri trakkijiet, xarabanks u kowċis.<br><br>Il-proposta hija parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni mħabbrin fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014 dwar *Strateġija għat-Tnaqqis tal-Konsum tal-Fjuwil u tal-Emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-Vetturi Heavy Duty*[26] sabiex tiġi stabbilita proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-HDVs u għall-monitoraġġ u r-rapportar tagħhom għall-vetturi kollha ġodda li jitpoġġew fis-suq tal-UE.<br><br>Din il-miżura tipprovdi wkoll għodda ta' infurzar prinċipali għall-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ futuri tal-HDVs li l-Kummissjoni kkommettiet li tipproponi fl-2018. |

---

22 ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġittjar ibbażat fuq l-attività

23 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

24 https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/EN/1-2016-501-EN-F1-1.PDF

25 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=SWD:2016:244:FIN

26 COM (2014)285, disponibbli taħt: http://ec.europa.eu/clima/policies/transport/vehicles/heavy/documentation_en.htm

Il-proposta tikkontribwixxi biex jinkiseb l-impenn tal-UE sabiex tilħaq tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet domestiċi sal-2030 mqabbel mal-1990.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet AB M/ABB ikkonċernata/i*

Objettiv speċifiku Nru 3

Aktar dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport fl-UE permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki armonizzati (f'kooperazzjoni ma' DĠ oħra bħad-DĠ MOVE, GROW,...)

Attivitajiet ABM/ABB konċernati

Attività ABB 34 02 – Azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali.

Attività ABB 07 02 – Politika ambjentali fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali (artikolu baġitarju 07 02 06 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent).

1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.*

Il-proposta se tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty (HDVs) ġodda li jitpoġġew fis-suq tal-UE.

Il-proposta se tikkontribwixxi għal suq tal-HDV aktar trasparenti li se jistimula l-kompetizzjoni fost il-manifatturi tal-HDV u l-operaturi tat-trasport. Dan imbagħad se jistimula l-innovazzjoni fil-livell tal-manifatturi tal-komponenti u tal-vetturi biex jipproduċu vetturi iżjed effiċjenti fl-użu tal-enerġija fis-suq tal-UE.

Huwa mistenni li jekk il-monitoraġġ u r-rapportar jiskattaw titjib addizzjonali inkrementali ta' 1 % fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-flotta tal-HDV tal-UE, dan jirriżulta fi tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' madwar 2.1 Mt.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva proposta.*

Indikatur nru 1: Emissjonijiet tas-$CO_2$ u konsum tal-fjuwil medji annwali għal kull klassi ta' vetturi, manifattur u Stat Membru minn HDVs ġodda reġistrati fl-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni.

Indikatur nru 2: Tqabbil tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil medji annwali tal-istess klassi ta' vetturi minn snin differenti.

Indikatur nru 3: Ħarsa ġenerali annwali lejn it-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija mgħammra fil-vetturi l-ġodda u l-livell ta' penetrazzjoni tagħhom.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil*

L-Istati Membri u l-manifatturi ta' vetturi heavy-duty irreġistrati ġodda fl-UE jkollhom jiġbru u jirrapportaw id-data tal-monitoraġġ tas-$CO_2$ lill-Kummissjoni bl-użu tar-Repożitorju tad-Data tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tiġbor u tiġġestixxi d-data. Kull sena se jkun disponibbli għall-pubbliku sett tad-data. Il-Kummissjoni se tippubblika rapport annwali dwar il-monitoraġġ.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Kemm is-swieq għal HDVs ġodda u kemm is-servizzi tat-trasport qed joperaw madwar l-UE u huma partijiet integrali tas-Suq Uniku. In-nuqqas ta' trasparenza dwar il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn HDVs ġodda għadu ma ġiex indirizzat fl-ebda Stati Membru u jikkonċerna l-UE kollha. Barra dan, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-HDVs huma koperti taħt il-mira ta' tnaqqis ta' gass serra tal-UE.

Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għall-UE kollha, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jadottaw approċċi differenti lejn il-monitoraġġ u r-rapportar, li jwassal għal ġbir frammentat u inkonsistenti tat-tali data madwar l-UE. Dan iwassal għal piż amministrattiv għoli għall-manifatturi tal-HDVs li jkollhom jikkonformaw ma' sistemi ta' rapportar differenti. Madankollu, il-konsultazzjoni pubblika mwettqa fit-tħejjija tal-proposta tindika li l-awtoritajiet nazzjonali jippreferu ma jiħdux azzjoni.

Sistema għall-UE kollha għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil għall-HDVS se tipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar il-livell ta' penetrazzjoni u d-diffużjoni attwali tat-teknoloġiji avvanzati li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija għax-xerrejja tal-HDVs u dawk li jfasslu l-politika.

Barra dan, it-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera u fl-istess ħin kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. Għalhekk, tenħtieġ il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-livell Ewropew u l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata għal raġunijiet ta' sussidjarjetà.

### *1.5.3. Tagħlimiet mitgħallma minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Għall-karozzi u l-vannijiet diġà hemm fis-seħħ sistema obbligatorja għall-UE kollha għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$[27]. Is-sistema wriet li hija siewja ħafna biex tipprovdi aktar trasparenza fis-suq tal-UE, għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Is-sett tad-data ppubblikat kull sena mill-EEA jintuża b'mod komuni għat-tqabbil tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi tax-xogħol ħfief fl-UE. Dan jikkostitwixxi l-bażi għall-istabbiliment tal-istandards tal-prestazzjoni tas-$CO_2$ għall-karozzi u l-vannijiet u għall-valutazzjoni tal-konformità annwali tal-manifatturi ma' dawn l-istandards.

27 Ir-Regolament (UE) Nru 443/2009 u r-Regolament (KE) Nru 510/2011.

Is-sistema ta’ monitoraġġ u rapportar proposta għall-UE għall-HDVs tibni ħafna fuq it-tagħlimiet meħuda mis-sistema ta’ monitoraġġ u rapportar għall-UE għall-vetturi kummerċjali ħfief. Għal vetturi kummerċjali ħfief, ir-Regolament propost jipprevedi sistema ta’ monitoraġġ ibbażata fuq in-numri ta’ identifikazzjoni tal-vetturi (VINs) u d-data tiġi sottomessa kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-manifatturi sabiex il-piż amministrattiv jinżamm baxx kemm jista’ jkun. Bħal fil-każ tas-sistema ta’ monitoraġġ u rapportar għall-karozzi u l-vannijiet, ir-Repożitorju tad-Data tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jintuża għas-sottomissjoni tad-data. Barra dan, minħabba l-esperjenza akkumulata tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-monitoraġġ tas-$CO_2$, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tappoġġja wkoll il-Kummissjoni fil-ġestjoni tas-sistema ta’ monitoraġġ għall-UE għall-HDVs.

*1.5.4. Kompatibilità u sinerġija possibbli ma’ strumenti xierqa oħrajn*

Il-proposta hija konsistenti mar-Regolament propost tal-Kummissjoni […] li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 595/2009 rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil ta’ vetturi heavy-duty u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☑ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu li jibda mill-2018 (mingħajr l-impatt finanzjarju) għal tul ta' żmien mhux limitat,

– u warajh tħaddim fl-iskala kollha

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew korpi li ħatru;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi ta' dritt pubbliku;

– ☐ korpi regolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-parteċipazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) se tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament propost dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-ġestjoni u r-rappurtar

*Speċifikazzjoni tal-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Ir-Regolament propost jispeċifika l-frekwenza u d-data li trid tiġi rrapportata mill-Istati Membri u mill-manifatturi għall-vetturi heavy-duty ġodda reġistrati fl-Unjoni. Id-data kif speċifikata fir-Regolament propost trid tiġi rapportata kull sena bl-użu tar-Repożitorju tad-Data tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri u lill-manifatturi fir-rapportar annwali tagħhom, se tingħata gwida ulterjuri permezz tas-CIRCABC. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

| |
|---|
| L-Istati Membri jew il-manifatturi jistgħu jdumu biex jissodisfaw l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tagħhom. Huwa mistenni li l-Istati Membri jaħtru l-istess awtoritajiet li huma diġà responsabbli għall-monitoraġġ u r-rapportar għall-karozzi u l-vannijiet. Dawn l-awtoritajiet huma familjari mal-monitoraġġ u r-rapportar u l-għodda tal-IT rilevanti li se tnaqqas dawn ir-riskji.<br><br>Ir-Repożitorju tad-Data tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent huwa sistema tar-rapportar tad-data stabbilita sew. Jista' jitqies li kwistjonijiet ta' disaggregazzjoni possibbli tas-sistema u kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità huma indirizzati b'mod suffiċjenti. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar kif taħdem is-sistema ta' kontroll intern*

| |
|---|
| Il-metodi ta' kontroll previsti huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u fir-Regolamenti ta' Applikazzjoni. |

*2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' żball*

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet:

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

| |
|---|
| Minbarra l-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet, fuq il-bażi tas-sistema stabbilita sew għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda, il-kontroll tal-kwalità u l-verifika tad-data sottomessa se jitwettqu sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe lakuna u irregolarità. |

# 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

- Linji tal-baġit eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura……………………...…………] | Diff./Mhux diff[28]. | minn pajjiżi tal-EFTA[29] | minn pajjiżi kandidati[30] | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 34 02 01: Tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (mitigazzjoni) | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 2 | 07 02 06 : L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | Mhux Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./mhux | minn | minn | minn | fi ħdan it-tifsira tal- |

[28] Diff. AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati
[29] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[30] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | [Intestatura……………………………………<br>…] | diff. | pajjiżi tal-EFTA | pajjiżi kandidati | pajjiżi terzi | Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru<br>2 | Tkabbir Sostenibbli Riżorsi Naturali |
|---|---|---|

| [Test]: <EEA – L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent> | | | Sena **2019** | Sena **2020** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **AMMONT TOTALI**<br>**2019-2020** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1:Nefqa fuq il-persunal | L-impenji | (1) | 0.150 | 0.200 | | | | | | 0.350 |
| | Pagamenti | (2) | 0.150 | 0.200 | | | | | | 0.350 |
| Titolu 2: Nefqa operazzjonali u infrastrutturali | L-impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | L-impenji | (3a) | 0.250 | 0.175 | | | | | | 0.425 |
| | Pagamenti | (3b) | 0.250 | 0.175 | | | | | | 0.425 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-[korp]** <EEA> | L-impenji | =1+1a +3a | 0.400 | 0.375 | | | | | | 0.775 |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 0.400 | 0.375 | | | | | | 0.775 |

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-[korp]*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenni f'miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-eżiti** | | | Sena **2019** | | Sena **2020** | | Is-sena **N+2** | | Is-sena **N+3** | | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **AMMONT TOTALI** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI (outputs)** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip[31] | Spiża medja | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | L-ebda | Spiża | Nru totali | Nefqa totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[32]... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Pjattaforma tar-rapportar tal-istabbiliment | | | 1 | 0.250 | | | | | | | | | | | | | | 0.250 |

[31] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[32] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku(ċi)...".

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| QA/QC dettaljati bl-assistenza-MS/OEMS li jirrapportaw, komunikazzjoni mal-pajjiżi u l-manifatturi, amministrazzjoni u żamma tal-bażi ta' data, appoġġ tal-helpdesk eċċ. | | | | | 1 | 0.175 | | | | | | | | | | | 0.025 | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | 1 | 0.250 | 1 | 0.175 | | | | | | | | | | | 0.275 | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | 1 | 0.250 | 1 | 0.175 | | | | | | | | | | | 0.275 | |

### *3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EEA*

#### 3.2.3.1. Fil-Qosor

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2019** | Sena **2020** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **AMMONT TOTALI** **2019+2020** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | | | | | | | | |
| Uffiċjali (Gradi AST) | | | | | | | | |
| Persunal b’kuntratt | 0.150 | 0.200 | | | | | | **0.350** |
| Persunal temporanju | | | | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | |
| **AMMONT TOTALI** | **0.150** | **0.200** | | | | | | **0.350** |

<u>Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta’ stabbiliment</u>

| Grupp ta’ kariga u grad | Is-sena 2019 | Is-sena 2020 | Sena N+2 | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | |
| AD15 | | | | |
| AD14 | | | | |
| AD13 | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| AD12<br>AD11<br>AD10<br>AD9<br>AD8<br>AD7<br>AD6<br>AD5 | | | | |
| Total AD | | | | |
| AST11<br>AST10<br>AST9<br>AST8<br>AST7<br>AST6<br>AST5<br>AST4<br>AST3<br>AST2<br>AST1 | | | | |
| Total AST | | | | |
| AST/SC 6<br>AST/SC 5<br>AST/SC 4<br>AST/SC 3 | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| AST/SC 2<br>AST/SC 1 | | | | |
| AST/SC Total | | | | |
| TOTAL FINALI | | | | |

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' kariga IV | 1 | 1 | | |
| Grupp ta' kariga III | 1(*) | 1 | | |
| Grupp ta' kariga II | | | | |
| Grupp ta' kariga I | | | | |
| Totali | 2 | 2 | | |

(*) ir-reklutaġġ huwa previst f'nofs l-2019.

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| Totali | | | | |

Jekk jogħġbok indika d-data tar-reklutaġġ ippjanat u adatta l-ammont xieraq (jekk ir-reklutaġġ iseħħ f'Lulju, 50% biss tal-ispiża medja tiġi kkunsidrata) u agħti iktar spjegazzjonijiet fl-anness.

Minbarra l-aġent temporanju wieħed u l-aġent kuntrattwali wieħed li fil-preżent qed jaħdmu fl-EEA fuq il-kompiti relatati mal-monitoraġġ tas-$CO_2$ mill-karozzi u l-vannijiet[33], u filwaqt li tirrifletti t-tul ta' żmien mingħajr limitu tal-attivitajiet addizzjonali li qed jiġu proposti għall-Aġenzija, l-EEA teħtieġ 2 aġenti kuntrattwali addizzjonali biex jimmaniġġjaw:

- L-istabbiliment, il-ġestjoni u ż-żamma tal-flussi ta' rapportar ġodda u l-infrastruttura tar-rapportar elettroniku inklużi l-attivitajiet kollha relatati mal-IT, fir-rigward tas-sottomissjoni tad-data għall-HDVs;

33 Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 u r-Regolament (UE) Nru 510/2011.

- It-twettiq ta' valutazzjoni tal-kwalità tad-data dettaljata u kontroll tal-kwalità għas-sottomissjonijiet tad-data mill-Istati Membri u l-manifatturi, inkluża l-koordinazzjoni tal-komunikazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-esperti tal-manifattura, l-appoġġ tal-helpdesk assoċjat eċċ.;

- Il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni tas-settijiet tad-data fuq is-sit web tal-EEA għall-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn.

Aġent kuntrattwali wieħed (Grupp ta' kariga IV) jibda fl-2019 biex jipprepara u jimplimenta s-sistema ta' rapportar biex jiżgura li din tkun kompletament operattiva fl-2020. It-tieni aġent kuntrattwali (Grupp ta' kariga III) se jibda fit-tieni semestru tal-2019 biex jappoġġa l-implimentazzjoni tas-sistema ta' rapportar kif ukoll it-tħejjija tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tal-kontroll tal-kwalità tad-data.

L-impatt fuq il-baġit ġie kkalkulat kif xieraq b'suppożizzjoni ta' spiża medja ta' EUR 100 000 fis-sena/aġent kuntrattwali.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☑ Il-proposta/inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>L-inizjattiva proposta se teħtieġ żieda tal-Ipprogrammar Finanzjarju għall-kontribuzzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) iffinanzjat mill-intestatura baġitarja 07 02 06 għas-snin 2019 u 2020 bl-ammonti indikati fit-tabella 3.2.1 hawn fuq. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[1].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | Is-sena **N** | Is-sena **N+1** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | | | | | | | |

1 Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

### 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/inizjattiva m’għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq l-introjtu mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Linja tal-baġit tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/l-inizjattiva[2] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Is-sena **N** | Is-sena **N+1** | Is-sena **N+2** | Is-sena **N+3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-intestatura/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul

[2] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.